Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 411111 Fax No. 411414

## MINUTI TAT-TNEJN U TLETIN LAQGHA TAL-KUNSILL

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **POST** | SALA TAL-KUNSILL | | | |
| **DATA** | 22 ta' Lulju 2014 | | | |
| **HIN** | Minn | 5.30pm | Sa | 8.00pm |

**Il-laqgha bdiet fil-hin:**

| | | |
|---|---|---|
| **Sindku** | Sur | STEFAN CORDINA - SC |
| **Vici-Sindku** | Sur | MARK ANTHONY SPITERI- MS (Skuzat) |
| **Kunsilliera** | Sur | RAYMOND AZZOPARDI - RA |
| | Sur | REMIGIO BARTOLO - RB |
| | Sur | JOHN P. BONNICI - JPB |
| | Sur | GERALD BORG – GB |
| | Sur | RALPH CASSAR - RC |
| | Dott. | HERBERT MESSINA FERRANTE - HMF (Skuzat) |
| | Sur | ALFRED ZAMMIT – AZ |
| **Segretarju Eżekuttiv** | Sinjura | MARICA MIFSUD – MM |

### 1. APPROVAZZJONI TA' MINUTI

Il-minuti gew approvati wara li tnehhiet il-linja 'mhux ha jattendi minhabba mpenji privati' minhabba li dan il-kumment intqal f'mument iehor.

### 2. PUNTI MQAJJMA

Hadd ma kellu punti xi jqajjem.

### 3. KORRISPONDENZA

🗁Ittra minghand is-Sinjura Sandra Pace b'risposta ghall-ittra tal-Kunsill fejn giet mitluba tirrifondi lura l-onorarja zejda li kien ha l-ex ragel taghha. Is-Sinjura Pace irrispondiet li mhiex f'pozizzjoni li tirrifondihom. Is-Sur SC qal li s-sitwazzjoni prezenti hi li jekk m'hemmx tama li dawn jingabru ghall-fini ta' accounts, iridu jigu written off. Is-Sur AZ qal li ma jaqbilx u li dawn ghandhom jigu rifuzi. Is-Sur RB tenna li d-decizjoni tal-Kunsill kienet li jekk is-Sinjura Pace mhix f'pozizzjoni li tirrifondihom, ghandhom jigu written off biex il-Kunsill ma jidhirx li qed jitlobhomlha hu. Is-Sur RC qal li ovvjament, jekk il-Kunsill iridhom lura, trid tinfetah kawza civili. Is-Sur JB qal li normalment jekk ikollok l-assi, dan huwa mezz biex thallas. Hu ssuggerixxa li l-Kunsill jerga' jiktbilha. Is-Sur RB ma qabilx li nergghu niktbulha. Peress li s-sitwazzjoni tidher difficli li qatt dawn il-fondi jistghu jigu rikuperati, il-Kunsill iddecieda li jigu written off mill-kotba tal-Kunsill. Hadd ma kkummenta iktar.

🗁E-mail minghand Elizabeth Mallia rigward talba sabiex il-Kunsill jippartecipa fil-kuncert li ser isir fit-8 ta' Awwissu permezz ta' ghajnuna li ma taqbizx il-€200. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet ukoll li kellha talba bil-fomm sabiex il-Kunsill jorganizza attivita' ghall-festa lill-anzjani tal-Grupp Sant'Anna 60+, nhar l-4 ta' Awwissu. Sabiex tigi organizzata din l-attivita' m'ghandhiex tinqabez is-somma ta' €150.

🗁E-mail minghand Geoffrey Ellul sabiex isir ezercizzju ta' malajr u parti minn Triq Santa Katarina tinghata isem minhabba li hemm zewg toroq imissu ma' xulxin li ghandhom l-istess isem. Il-Kunsill iddecieda li l-parti tat-triq li taghti ghall-Kappella tal-Mirakli tissemma Triq il-Kappella tal-Mirakli.

🗁Email minghand Infinite Fusion bi kwotazzjoni sabiex tigi zviluppata website b'erba pagni ghas-somma ta' €650 u eventwalment bhala hosting €150 ohra fis-sena. Din it-talba giet milqugha.

🗁E-mail minghand Melita Gardens sabiex isir embellishment tal-area quddiem il-Melita. Peress li l-area in kwestjoni taqa' taht il-Kunsill Lokali Balzan, din l-e-mail ghandha tintbaghat lil dan l-ufficcju sabiex it-talba ssir lilhom.

🗁E-mail minghand Simon Cauchi bi spjega kif ha jigu rifuzi il-fondi li ser jinghataw mir-regjun. Il-Kunsill ser jimxi strettament ma' din il-procedura.

🗁E-mail minghand Joanna Gera rigward il-hsejjes eccessivi fi Triq B'Kara u Triq il-Kbira kif ukoll Triq il-Mithna li l-krejnijiet prezentament kienu qed joholqu fuq siti ta' kostruzzjoni. Il-Kunsill irrikonoxxa li kien hemm hafna xogholijiet f'daqqa pero' dawn ix-xogholijiet gew ikkontrollati sabiex ma tinholoqx konfuzjoni u jinsabu fil-fazi finali. Rigward il-hsarat fit-toroq, jekk huwa minnu li hemm xi spejjez, dan ha jigi verifikat u jekk hemm bzonn jigu nfurmati l-Kuntratturi.

**4. APPROVAZZJONI TA' RAPPORT FINANZJARJU JANNAR- MARZU 2014**

Dan ir-rapport gie approvat

**5. APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI – GUNJU**

Il-pagamenti gew approvati wara li s-Sur AZ staqsa jekk il-pagi kienux jinkludu xi overtime, u min kien Andrew Abela fir-rigward tal-Elderly Outings. Is-Segretarju Ezekuttiv irrispondiet li l-pagi ma kienux jinkludu over-time filwaqt li Andrew Abela huwa Cancu transport u l-kont kien ta' sitt xhur.

**6. GITA GHALL-CATANJA – TRASPORT**

Is-Segretarju Ezekuttiv ressqet talba li jekk il-persuni ghall-gita ta' Catania ikunu numeruzi jigi pprovdut trasport b'xejn. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

**7. GEMELLAGG**

Is-Sur RB qal li kif kien diga' nfurmat kulhadd, id-delegazzjoni Franciza lesta tilqa' membri mill-Kunsill Lokali u tipprovdilhom post fejn jorqdu. Ghaldaqstant li baqa' hu li l-Kunsill jiddeciedi minn min ha tkun iffurmata id-delegazzjoni Maltija. Kompla billi qal li s-Sur Paul Haber accetta li jifforma parti mid-delegazzjoni a spejjez tieghu filwaqt li ghad m'hemmx risposta minn naha tal-iskola Primarja u membri minn entitajiet sportivi tal-lokal. Il-Kunsill iddecieda li l-kontingent Malti ghandu jkun iffurmat mis-Sindku u Sur Stefan Cordina, il-Kunsilliera RB u JB u s-Segretarju Ezekuttiv, is-Sinjura Marica Mifsud. Kull min igib il-partners tieghu irid ihallas privatament.

**8. AGGUDIKAZZJONI TENDERS – RESURFACING WORKS U LATRINI PUBBLICI**

Is-Sur RB qal li hekk kif imressaq minnu waqt il-laqgha precedenti fit-tender tal-Latrini hemm kwistjoni ta' prekarjat. Il-Kunsill iddibatta il-kwistjoni li zewg ghazliet biss hemm: jew l-irhas tender jew l-iktar wahda gholja, imma l-Kunsill irid jibbaza d-decizjoni tieghu skond kif titlob L.N. 296/2010 liema Legal Notice tistipula li '*a contracting authority shall be entitled to reject tenders which appear to be abnormally low in relation to the activity to be carrired out*'

L-istess legal notice tghid li l-awtorita' tista' '*request in writing details of the constituent elements of the tender which it considers relevant and shall verify those constituent elements by consulting the tenderer taking account of the explanations received*.'

Ghaldaqstant gie deciz li wara li jigu mwarrba t-tenders li mhumiex validi, tintbaghat ittra fejn jintalab rendikont ta' kif fl-opinjoni taghhom, l-ammont ittenderjat gie imqassam. Id-diskussjoni tkompli. Rigward ir-Resurfacing skond il-Perit din ghandha tinghata lil Philip Agius and Sons. Kulhadd qabel.

**9. JUM H'ATTARD – GIEH H'ATTARD**

Is-Sur RB qal li qed jipprova jikkonsulta mal-president sabiex din is-sena Jum H'Attard isir gewwa il-gonna privati ta' Sant'Anton. Mill-korrispondenza li kellu s'issa, hu ghadu ma nghatax risposta definittiva. Li hu zgur li baqa' ma rcieva xejn minghand Joseph Calleja u ghalhekk ahjar ma tantx jista' jsir irbit fuqu. Is-Sur Paul Galea, accetta li jaghmel esebizzjoni li ghal Jum H'Attard u gew suggeriti is-Sur Roderick Bovington, l-Ambaxxatrici Amerikana u l-Arcisqof sabiex jinghataw Unur H'Attard. Is-Segretarju Ezekuttiv issuggeriet ukoll lil Charmaine Zahra li gabret il-flus ghal Moviment Missjunarju Gesu fil-proxxmu. Id-diskussjoni tkompli.

**10. AFFARIJIET OHRA**

Is-Sur SC ressaq dawn il-punti:

- Informa l-Kunsill li harget talba ghal kwotazzjonijiet sabiex jinxtara vann pick-up u li din ghalqet nhar it-Tnejn 21 ta' Lulju. Il-Kunsill ircieva kwotazzjoni wahda biss ghas-somma ta' €4660 b'pagamenti mensili ghal tlett xhur ta' €1553.33. Kulhadd qabel li l-Kunsill ghandu jipprocedi sabiex jinxtara dan il-vann

Is-Sur RC ressaq dawn il-punti:

- Staqsa ghaliex tnehhiet l-isleeping policeman fi Triq il-Linja ma' Triq Victor Vassallo meta din kienet qed toffri sigurta' ghal min jaqsam bejn dawn iz-zewg toroq. Is-Sur SC qal li saret hsara fuq ir-rubber strips minhabba li trakk ha break qawwi u qaccat kollox pero' din l-isleeping policeman kienet installat temporanjament u ghaldaqstant tista' ssir applikazzjoni lil TM sabiex issir wahda permanenti.
- Informa l-Kunsill li kellu laqgha ma' Greenpak u li:
  - ftiehem maghhom fuq il-granet tal-festa sabiex bhas-snin precedenti l-Kunsill jigbor kemm jiflah skart riciklabbli. Qal li barra il-bins tal-iskart normali, Greenpak ser jipprovdu ohrajn ghall-metall u plastik
  - l-gbir ta' skart imhallat qed joghla mmens u li hemm bzonn li l-Kunsill jiehu xi mizuri.
  - l-area tal-Flats interessati fil-wheely bins
  - l-Kuntrattur ta' gbir ta' skart riciklat, meta jigbor il-hgieg qed ihalli hafna kartun u plastik warajh. Din il-problema ghandha tigi ttakiljata minn Greenpak.
  - f'Ottubru Greenpak ha tibda kampanja edukattiva fuq ir-riciklagg bieb bieb specjalment fl-areas ta' Triq ir-Rand, Mithna u qasam tal-bini tal-Gvern.
- Staqsa fuq is-sinjali storici u talab lis-Segretarju Ezekuttiv isib kuntrattur iehor sabiex jitkompla ix-xoghol
- Informa l-Kunsill li s-Sur Edward Said kwazi lesta r-rapport fuq l-embankment. Hu ghandu jiltaqa' mal-Kunsill fil-laqgha li jmiss.

Is-Sur RB skuza ruhu u halla l-kamra

Is-Sur AZ ressaq dawn il-punti:

- Staqsa ghala ma ngabietx informazzjoni dwar ix-xoghol ta' Triq il-Mingel fir-Rivista? Is-Sur RC qal li ma kienx importanti minhabba li tant ilhom ghaddejjin ix-xogholijiet, hadu snin, li l-iskop li tingab fir-Rivista intilef.
- Talab li titranga l-hamrija u jizdiedu l-hedges/holidays li hemm fi Gnien il-Palma minhabba li hemm xi bicciet neqsin u tizdied it-tisqija
- Staqsa fuq il-bankijiet tal-Qasam tal-Bini tal-Gvern sabiex jara meta gejjin
- Talab sabiex issir bozza gdida mal-hajt fi Triq il-Kappar. Il-post ezatt jindikah iktar 'l quddiem
- Talab biex titnaddaf sewwa Triq il-Faqqiegh minhabba li qed jigu kmieni wisq meta jkun ghad hemm hafna karozzi

Is-Sur JB ressaq dawn il-punti:

- Gibed l-attenzjoni fuq l-ammont ta' trakkijiet li qed jghaddu minn Triq Dun Mikiel Xerri kif ukoll Triq l-Imdina mghobbijin esagerati
- Talab sabiex isir rapport fuq bollard imkissra quddiem Wied Incita

## 11. AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa giet aggornata għall-Erbgha, 20 t'Awissu fil-5.30pm

_________________________ Sindku

_________________________ Data